SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU HDAX**

**10 ta' Mejju, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.25 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo, l-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Alfred Mangion, Robert Vella Bonnici u Janet Barthet.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Ic-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda.

**11.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tal-ghaxar laqgħa tal-Kumitat.

11.1.2 Emenda mressqa mill-Membru Alfred Mangion:

11.1.3 "Il-Kumitat jaqbel illi f'minuta 10.5.1 il-kliem "li jkun hemm" jitnehhew."

11.1.4 Din l-emenda kienet issekondata mic-*Chairperson* u approvata unanimament.

11.1.5 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

11.1.6 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tal-ghaxar seduta kif emendati.*"

11.1.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Membru Janet Barthet u approvata unanimament.

## 11.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

11.2.1 Ic-Chairperson gharraf lil Membri dwar laqgha formali li saret mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

11.2.2 Ic-Chairperson nforma lil Kumitat li saret laqgha mal-Perit dwar it-tender tal-tisbih ta' Gnien G.M. Camillieri u li tigi diskussa f'aktar dettal f'dawn il-minuti.

11.2.3 Il-Kumitat kien infurmat li TM approvat li jsiru *double yellow lines* fi Triq Wied Ghollieqa kif ukoll li ssir *pedestrian crossing* fi Triq Birkirkara.

11.2.4 Il-Kumitat kien infurmat li inharget is-sejha ghall-offerti dwar il-manutenzjoni tat-toroq fil-Kappara.

11.2.5 Fir-rigward tal-istat ta' ndafa ta Triq l-Ambaxxati, il-Kumitat qabel li c-*Contracts Manager* ghandu jhejji rapport.

11.2.6 Kien hemm qbil li jigi komunikat lil *Contracts Manager* li t-tindif tat-toroq ghandu jinkludi wkoll il-bankini.

## 11.3 Diskussjoni: L-offerta ta' tisbieħ fi Ġnien Ġ.M. Camilleri

11.3.1 Il-Kumitat iddiskuta fid-dettal il-punti li hargu mil-laqgha li nzammet mal-Perit dwar l-offerta ta' tisbih fi Gnien G. M. Camillieri.

11.3.2 Irrizulta li l-offerent propost ma kienx ipprovda *sample* tal-bankijiet kif rikjest u li wara li l-Perit ta rendikont tal-offerenti l-ohra irrizulta li ma kien hemm l-ebda wadha minnhom valida, u li ghaldaqstant dan ifisser li l-offerta se jkollha terga tinhareg mill-gdid.

11.3.3 Matul l-istess laqgha kien diskuss it-termini tal-offerta li se terga tinhareg, fejn kien qed jigi propost li din tkun ghal ghaxar bankijiet u tmien planters, filwaqt li

x-xoghlijiet ta' ortikoltura jkunu mghoddija lil *ELC* peress li dawn jaghmlu l-manutenzjoni tal-gnien.

11.3.4 Il-Kumitat unanimament qabel mal-proposta.

11.3.5 Kien ghalhekk irrakomandat li l-Perit ihejji d-dokument malajr kemm jista jkun, sabiex jigi approvat minn f'laqgha mieghu u jinhareg mill-gdid.

11.3.6 Fuq proposta tac-*Chairperson*, il-Kumitat qabel li jiddiskuti issa item numru hamsa fuq l-agenda.

**11.5 Servizz ta' Gwardjani Lokali fil-vicinanzi ta' Gnien G M Camilleri u proposta li jsir parkegg "Kappara Residents ONLY" fil-vicinanzi**

11.5.1 Il-Kumitat kien infurmat li wara diskussjonijiet li saru mal-Ufficjal Awtorizzat mis-sistema tal-infurzat tal-ligi, kien hemm qbil li se jibda jigi pprovdut is-servizz ta' gwardjani lokali sabiex jikkontrallow it-traffiku fi Triq Antonio Schembri.

11.5.2 Din is-sistema dahlet fis-sehh mil-llum u kienet se tkopri l-hinijiet ta' bejn it-8.00 u d-9.00 ta' filghodu u s-1.30 u s-2.30 ta' wara nofsinhar.

11.5.3 Il-Kumitat qabel li tigi mibghuta ittra ta' ringrazzjament lil Ufficjal Awtorizzat ghal koperazzjoni tieghu.

11.5.4 Il-Kumitat qabel li jkompli bl-ordni tal-gurnata billi jigi diskuss item numru 4 fuq l-agenda.

**11.4 Email datata 1 ta' Mejju dwar Chiswick House School**

11.4.1 Saret referenza ghall-email datata 1 ta' Mejju, 2001 dwar ic-*Chiswick House School*, liema ittra l-Kumitat ikkunsidra bhala wahda bla bazi.

11.4.2 Il-Kumitat semma li kien ghalhekk li ghandu jkompli jipprocedi bil-hsibijiet tieghu li dan ukoll wara li saru laqghat mal-Prim Ministru, s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u diversi Membri Parlamenti.

11.4.3 Saret ukoll referenza ghal laqgha li kellha ssir mal-Kap tal-Oppozizzjoni u li baqghet qatt ma sehhiet, fejn Membri esprimew id-dizappunt taghhom ghal dan.

11.4.4 F'dan l-istadju tal-laqgha il-Membru Robert Vella Bonnici qal li l-procedura li kienet uzata biex issir il-laqgha kienet wahda hazina kif ukoll ghamel implikazzjonijiet fuq il-Membri tal-Kumitat.

11.4.5 Filwaqt li l-Membri l-ohra irribattew dan kif ukoll kliem iehor li ntqal fil-konfront taghhom, ic-*Chairperson* talab ghall-ordni sabiex tkun tista tipprocedi l-laqgha.

11.4.6 Il-Membru Robert Vella Bonnici ddikjara li kien qed jirrizenja mill-kariga moghtija lilu dwar il-finanzi tal-Kumitat.

**11.6 Approvazzjoni: Proposta ghal Stemma tal-Kappara**

11.6.1 Kien ipprezentat disinn tal-istemma tal-Kappara.

11.6.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li dan ghandu jkun iktar semplici fir-rigward tas-sigra tal-Kappara u li dan ghandu jkun lest sal-ahhar ta' Mejju sabiex jigi pprezentat lid-Dipartiment.

11.6.3 F'dan l-istadju, l-Membru Robert Vella Bonnici ressaq din il-mozzjoni:

*11.6.4 "Ghandu jkun hemm bank account tal-Kumitat tal-Kappara separat minn tal-Kunsill u dan sabiex ma jkunx hemm tahwid."*

11.6.5 Din il-mozzjoni waqghet wara li ma kellha l-ebda sekondant.

11.6.6 Ic-*Chairperson* iddikjara li fuq dan l-aspett se tigi mitluba d-direzzjoni tad-Dipartiment.

11.6.7 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fis-6.55 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ Gunju, 2011

__________________________ ______________________

Dr Frank Bartolo
*Chairperson*

Adrian Mifsud
Segretarju Eżekuttiv